



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0296/2017**

11.10.2017

# **RAPPORT**

dwar il-kontroll tal-infiq u monitoraġġ tal-kosteffikaċja tal-iskemi ta'  
Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE  
(2016/2242(INI))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Derek Vaughan

**WERREJ**

	<b>Pàġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS .....	18
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI .....	23
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI .....	28
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	36
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	36

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar il-kontroll tal-infiq u monitoraġġ tal-kosteffikaċja tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE (2016/2242(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 145, 147, 165, 166 u 310(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 tat-TFUE dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 2 tat-TFUE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006<sup>2</sup>, u r-Regolament (UE) Nru 2015/779 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2013, fir-rigward ta' ammont ta' prefinanzjament inizjali addizzjonali mħallas għal programmi operazzjonali appoġġati mill-Inizjattiva Favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapporti Speċjali Nru 3/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE: "ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni", Nru 17/2015 bit-titolu "Appoġġ mill-Kummissjoni għat-Timijiet ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ: ir-riorjentament tal-finanzjament mill-FSE nkiseb, iżda ma kienx hemm fokus suffiċjenti fuq ir-riżultati" u Nru 5/2017 bit-titolu "Il-qgħad fost iż-żgħażaġh - il-politiki tal-UE għamli differenza?",
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2016 bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva Favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ: tliet snin wara" (COM(2016)0646) u (SWD(2016)0324),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0296/2017),

<sup>1</sup> ĠU C 120, 26.4.2013, p 1.

<sup>2</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

<sup>3</sup> ĠU L 126, 21.5.2015, p. 126.

- A. billi l-qgħad fost iż-żgħażaġh kien u għadu problema serja f'numru ta' Stati Membri, b'aktar minn 4 miljun żaġżuġha fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena qiegħda fl-UE fl-2016; billi s-sitwazzjoni fl-Unjoni tvarja bil-kbir;
- B. billi l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh hija prijorià politika kondiviża mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġettiv ta' tkabbir u impjiegi tal-Unjoni;
- C. billi rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh – 18,8 % fl-UE fl-2016 – hija ta' ħsara għas-soċjetà u l-individwi kkonċernati, b'effetti negattivi fit-tul fuq l-impjegabbiltà, l-istabbiltà tal-introjtu u l-iżvilupp tal-karriera; billi l-kriżi ekonomika laqtet b'mod sproporzjonat liż-żgħażaġh, u billi f'xi Stati Membri aktar minn kwart taż-żgħażaġh jinsabu qiegħda;
- D. billi ddaħħlu fis-seħħ numru kbir ta' politiki attivi dwar l-impjiegi biex jindirizzaw ir-rata ta' qgħad għolja fost iż-żgħażaġh, li kellhom riżultati differenti;
- E. billi jeżisti grupp ta' żgħażaġh ieħor, li l-għadd u l-għamla tiegħu tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, li huma barra minn kull forma ta' taħriġ edukattiv jew professjonali, u mill-impjiegi (NEETs), u li jistgħu jiġu kklassifikati f'żewġ kategoriji: NEETs qiegħda, li huma disponibbli biex jibdew jaħdmu jew li qegħdin ifittxu impjiegi b'mod attiv, u NEETs inattivi, jiġifieri żgħażaġh li la qegħdin jistudjaw, la qegħdin jirċievu taħriġ u lanqas mhuma qegħdin ifittxu impjiegi b'mod proattiv;
- F. billi, bħala medja, fl-UE, 41 % biss tan-NEETs għandhom aċċess għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
- G. billi sa mill-introduzzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi fl-1997, il-Kummissjoni appoġġat numru ta' miżuri mfassla biex itejbu l-prospettivi ta' impjiegi u edukazzjoni fost iż-żgħażaġh<sup>1</sup>, u, billi sa mill-kriżi, l-UE tat enfasi partikolari fuq il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, stabbilita mill-Kunsill f'April 2013, u fuq l-Inizjattiva Favur l-impjiegi taż-Żgħażaġħ li tnediet lejn l-aħħar tal-2013;
- H. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva Favur l-impjiegi taż-Żgħażaġħ ġew stabbiliti bħala l-aktar azzjonijiet effikaċi u viżibbli fil-livell tal-Unjoni, u li huma iffokati fuq il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh;
- I. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva Favur l-impjiegi taż-Żgħażaġħ offrew kontribut sinifikanti biex titnaqqas ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE peress li taw spinta lill-edukazzjoni u lid-domanda tas-suq tax-xogħol għal żgħażaġh u bl-appoġġ ta' miżuri għall-ħolqien tax-xogħol; billi r-rata għolja ta' 17,2 % taż-żgħażaġh fl-UE 28 li għadhom qiegħda hija inaċċettabbli<sup>2</sup>;
- J. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 25 sena (jew f'xi Stati Membri oħra, taħt l-età ta' 30 sena) jirċievu offerta ta' impjiegi ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa u apprendistat jew traineeship, fi żmien

<sup>1</sup> Miżuri oħra kienu jinkludu, l-inizjattiva "Żgħażaġħ Attivi", immedija f'Settembru 2010, l-"Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ", immedija f'Diċembru 2011 u l-"Gruppi ta' Azzjoni taż-Żgħażaġħ" immedija f'Jannar 2012.

<sup>2</sup> Is-sitwazzjoni f'Marzu 2017: <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/8002525/3-02052017-AP-MT.pdf/94b69232-83a9-4011-8c85-1d4311215619>

erba' xhur wara li jispiċċaw qiegħda jew wara li jkunu ħallew l-edukazzjoni formali;

- K. billi fatturi esterni, bħas-sitwazzjoni ekonomika partikolari jew il-mudell ta' produzzjoni ta' kull reġjun, jinfluwenzaw il-kisba tal-miri stabbiliti fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
- L. billi l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ għandha l-għan li tappoġġa n-NEETs, lil żgħażaġh li ilhom qiegħda għal ħafna żmien u lil dawk li mhumiex reġistrati bħala persuni li qeġhdin ifittxu l-impjieġ u li jgħixu f'reġjuni fejn il-qgħad fost iż-żgħażaġh kien oġhla minn 25 % fl-2012;
- M. billi l-baġit ġenerali approvat għall-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 hu ta' EUR 6,4 biljun, li jinkludi EUR 3,2 biljun minn linja baġitarja speċifika ġdida tal-UE, li għandha tkun akkumpanjata b'minn tal-inqas EUR 3,2 biljun minn allokazzjonijiet nazzjonali fl-ambitu tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE); billi dan se jkun supplementat b'EUR 1 biljun addizzjonali għall-baġit speċifiku tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ tul il-perjodu 2017-2020, li se jkun akkumpanjat minn EUR 1 biljun, mill-FSE, sabiex jingħata spinta lill-impjieġ taż-żgħażaġh fir-reġjuni l-iktar milquta; billi huwa mistenni li fl-2017, se jiddaħħlu EUR 500 miljun minn dan l-ammont addizzjonali, permezz tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3/2017; billi l-allokazzjoni finali għall-programm se tiġi ddeterminata matul il-proċeduri baġitarji annwali li jmiss;
- N. billi l-investment annwali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-Ewropa kien stmat għal EUR 50,4 biljun<sup>1</sup>, li huwa ferm inqas mit-telf ekonomiku annwali kaġun tan-nuqqas ta' impenn taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol fl-Ewropa, li jista' jilħaq mill-inqas l-EUR 153 biljun<sup>2</sup>;
- O. billi fl-2015, sabiex titthaffef il-mobilizzazzjoni tal-azzjonijiet tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, ittiegħdet deċiżjoni biex ir-riżorsi disponibbli għall-prefinanzjament tal-inizjattiva jizjeddu b'EUR 1 biljun, li tirrappreżenta żieda mill-1 sa 1,5 % inizjali għal 30 % għall-Istati Membri eliġibbli;
- P. billi l-allokazzjoni oriġinali sħiħa tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ ġiet iffokata fuq is-snin 2014-2015, u ma ġiet inkluzja l-ebda approprjazzjoni ġdida għal dan il-għan fil-baġit 2016; billi n-nuqqas ta' kontinwità fil-finanzjament tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ iddghajjed is-suċċess tal-programm;
- Q. billi l-livell ta' finanzjament attwali, kemm mill-baġit tal-UE kif ukoll mill-Istati Membri, mhumiex biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet involuti;
- R. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ ikopru azzjonijiet differenti, bil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ikollha l-għan li tinkoraġixxi riforma strutturali fl-edukazzjoni u sservi ta' miżura fuq il-perjodu qasir ta' żmien fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, filwaqt li l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ hi strument ta' finanzjament; billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hi ffinanzjata mill-FSE, mill-baġits nazzjonali u mill-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, filwaqt li l-Inizjattiva Favur l-

<sup>1</sup> L-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh (Eurofound 2015).

<sup>2</sup> NEETs – Żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieġ jew taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u risponsi politiċi fl-Ewropa (Eurofound 2012).

Impjieġ taż-Żgħażaġħ tista' tiffinanzja l-ġhoti dirett ta' impjieġi, apprendistati, traineeships jew edukazzjoni kontinwa għall-grupp fil-mira tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ fir-reġjuni eliġibbli; billi, filwaqt li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hi applikabbli għat-28 Stat Membru, 20 Stat Membru biss huma eliġibbli għall-appoġġ mill-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ; billi, fl-aħħar nett, filwaqt li l-intervent tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ ma għandux skadenza predefinita, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ titlob li l-offerta ssir fi żmien erba' xhur;

- S. billi, minn perspettiva kwantitattiva, l-adozzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma kinitx omoġenja u varjat b'mod konsiderevoli minn pajjiż għall-ieħor;
- T. billi s'issa l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma wasslitx għal riżultati uniformi, u f'xi ċirkostanzi kien diffiċli li jiġu identifikati u evalwati l-kontribuzzjonijiet tagħha;
- U. billi jeżistu differenzi sostanzjali bejn ir-reġjuni tal-Ewropa; billi f'xi każijiet, territorji b'livell ta' qgħad għoli ma jikkwalifikawx bħala reġjun eliġibbli għal finanzjament tal-UE fil-livell NUTS;
- V. billi l-implimentazzjoni tas-servizzi ta' integrazzjoni elenkati taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ spiss hi biss parzjali, dejqa wisq fil-medda tal-parteċipanti eliġibbli, dipendenti mill-kapaċità eżistenti u mill-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tal-impjieġi (PES) kif ukoll mill-ħeffa tal-proċeduri fil-livell Ewropew; billi l-Istati Membri jinħtieġ li jissuktaw l-isforzi tagħhom għat-tisħiħ u r-riforma tal-PES tagħhom;
- W. billi jkun xieraq li jiġi rrilevat ir-rwol li jista' jkollha l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari fl-Istati Membri li ntlaqtu b'mod ferm aktar serju mill-kriżijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali mill-2007 'l hawn; billi jinħtieġ li tiġi ssottolinjata l-ħtieġa li dan il-programm jissaħħa u li jiġu żviluppati miżuri komplementari ulterjuri, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, li jkollhom l-għan li jagħtu spinta lill-integrazzjoni u l-koeżjoni, filwaqt li jsaħħu wkoll il-parità bejn is-sessi u jiżguraw l-aċċess għall-programmi ta' taħriġ imneda biex jiġu trattati l-isfidi teknoloġiċi ġodda fil-qasam tax-xogħol;
- X. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, bħala investiment fiż-żgħażaġh, hija eżempju ta' bbaġitjar orjentat lejn ir-riżultati;
- Y. billi l-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Ewropa tirrikonoxxi li effettivament hemm "diskrepanza bejn l-aspettattivi u l-kapaċità tal-UE li tilħaqhom"<sup>1</sup>;
- Z. billi l-UE għandha ttejjeb il-kummerċjalizzazzjoni u r-riklamar tagħha ta' miżuri soċjopolitiċi għall-grupp fil-mira sabiex tiżgura viżibbiltà akbar għall-azzjonijiet tagħha għall-popli tal-UE;
- AA. billi l-awditu mwettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) kien prematur peress li l-perjodu soġġett għal investigazzjoni huwa qrib wisq it-tnedija tal-iskemi nazzjonali ta' garanzija u hu limitat biss għal ċerti Stati Membri; billi, għal dan il-għan, kien ikun aktar utli li titwettaq valutazzjoni inizjali tal-implimentazzjoni tagħhom qabel jitwettaq l-

---

<sup>1</sup> White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, p. 13.

awditu;

### ***Rimarki ġenerali***

1. Jinnota li wara erba' snin mill-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, mill-2013 sal-2017, ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE naqset b'aktar minn 7 punti perċentwali, minn 23,8 % f'April 2013 għal 16,6 % f'April 2017, li tfisser li kważi żewġ miljun żaġhżuġh m'għadhomx qieġhda; jinnota li mill-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, aktar minn 14-il miljun żaġhżuġh ipparteċipaw f'xi tip ta' skema; jiddispjaċih li f'bosta każijiet ħafna minn dan it-tnaqqis seħħ biss minħabba l-fatt li ħafna żgħażaġh ġew imġieġhla jfittxu impjieg barra mill-UE, telfa li se tinħass aktar fid-deċennji li jmiss; jiddispjaċih, barra minn hekk, li f'nofs l-2016, 4,2 miljun żaġhżuġh fl-UE kienu għadhom qieġhda (18,8 % tal-grupp demografiku partikolari); iħeġġeġ lill-Istati Membri jutilizzaw l-appoġġ disponibbli tal-UE, sabiex jittrattaw din il-kwistjoni li ilha żmien twil; jappella lill-UE u lill-Istati Membri jimplimentaw strateġiji li jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-bżonnijiet tas-suq tax-xoġhol ta' kull Stat Membru individwali sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità għolja, kif ukoll impjiegi dejjiema;
2. Jenfasizza li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha rwol importanti fl-appoġġ ta' miżuri li jipprovdu liż-żgħażaġh qieġhda bil-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien meħtieġa biex fuq il-perjodu twil ta' żmien jingaġġaw f'impjieg u jsiru imprendituri, u tipprovdi wkoll opportunità biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġh fil-ħiliet;
3. Jenfasizza r-rwol importanti tal-edukazzjoni u tal-gwida għall-karriera fit-tnejn taż-żgħażaġh fl-etika tax-xoġhol u fil-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xoġhol; jirrimarka, madankollu, li l-edukazzjoni jinħtieġ li mhux biss tipprovdi kompetenzi rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol, iżda għandha tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp personali u tl-evoluzzjoni taż-żgħażaġh sabiex tagħmilhom ċittadini proattivi u responsabbli; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' edukazzjoni ċivika fis-sistema edukattiva kollha, inklużi metodi edukattivi kemm formali kif ukoll mhux formali;
4. Jinnota li r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh hi oġhla aktar ma ż-żgħażaġh jkunu żgħar u anqas ma jkollhom taħriġ, u li din ix-xejra ġiet enfasizzata minħabba l-kriżi, li laqtet ukoll lill-adulti żgħażaġh ta' l fuq minn 25 sena mingħajr kwalifiki, li jiffurmaw grupp li jista' jsib ruħu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ekonomika gravi sakemm ma jsirx investiment fit-taħriġ tagħhom;
5. Jinnota, li minkejja l-progress imwettaq, l-aċċess għaż-żgħażaġh qieġhda l-iktar vulnerabbli għall-PES jibqa' mhux adegwat u dan il-grupp, flimkien mal-gradwati ġodda, huma dawk l-inqas probabbli li jirreġistraw bħala persuni li qeġhdin ifittxu impjieg;
6. Jinsab imħasseb bil-qawwi li n-NEETs huma skonnessi mis-sistema edukattiva u mis-suq tax-xoġhol, u f'ħafna każijiet intortament; jifhem li din il-parti tal-popolazzjoni hija l-aktar diffiċli biex tintlaħaq permezz ta' programmi operazzjonali eżistenti li jimplimentaw skemi ta' finanzjament tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, li ħafna minnhom ma joffru l-ebda forma ta' remunerazzjoni sostenibbli suffiċjenti jew kundizzjonijiet ta' xoġhol xierqa; iqis li, għall-perjodu 2017-2020, għandha ssir enfasi speċjali fuq din il-parti tal-popolazzjoni sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi ewlenin tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
7. Jirrimarka li l-miżuri appoġġati mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandhom jindirizzaw

ukoll l-isfidi strutturali ffaċċjati min-NEETs sabiex jiġi żgurat li jkollhom impatt fit-tul; jesprimi tħassib, li l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għadhom ma laħqux liż-żgħażaġh kollha li ħallew l-iskola jew li spiċċaw qiegħda; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex fil-baġits nazzjonali tagħhom jipprovdu impenji finanzjarji mmirati biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi strutturali; iħeġġeġ lir-reġjuni li ma jikkwalifikawx għal kofinanzjament mill-UE biex jipparteċipaw fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;

8. Jenfasizza li l-integrazzjoni tan-NEETs irrikjedi kemm it-tiżiħ tal-effikaċja tar-riżorsi disponibbli u ż-żieda ta' dawk ir-riżorsi, kif ukoll parteċipazzjoni u l-mobilizzazzjoni akbar tal-Istati Membri;
9. Jitlob li jkun hemm diversifikazzjoni tal-kanali ta' finanzjament fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex iż-żgħażaġh kollha jintlaħqu aħjar; jirrimarka, barra minn hekk, li l-awtoritajiet lokali u reġjonali diġà huma attivi ħafna u jinħtieġ li jiġu appoġġati fl-azzjoni tagħhom Favur iż-żgħażaġh bl-integrazzjoni ta' linji politiċi differenti;
10. Jenfasizza li sa mill-2012, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tat kontribut pożittiv biex ikun indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh, għalkemm ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh tibqa' għolja b'mod inaċċettabbli; jilqa' għalhekk, il-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi sabiex il-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ tiġi estiża sal-2020; jinnota, madankollu, li l-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tista' tippersisti u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) sabiex jiżgura l-kontinwità u l-kosteffikaċja tagħha;
11. Jissottolinja l-fatt li l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ għandha l-għan mhux biss li tixpruna l-ħolqien tal-impjieġi għaż-żgħażaġh, iżda wkoll li tassisti lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi adegwati biex jiġu identifikati l-bżonnijiet u l-appoġġ meħtieġ għalihom; jisħaq, għalhekk, li fil-futur, l-effikaċja tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ għandha tkun evalwata skont il-kisbiet mwettqa fil-ħolqien jew it-titjib tas-sistemi tal-Istati Membri ta' appoġġ għaż-żgħażaġh;
12. Ifakkar li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tibbenefika mill-appoġġ finanzjarju tal-UE permezz tal-FSE u tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, li jissupplimentaw il-kontribuzzjonijiet nazzjonali; jappoġġa l-ħidma ta' programmazzjoni mwettqa bħala parti mill-Qafas Strateġiku Komuni tal-Unjoni permezz ta' taġlim bejn il-pari, attivitajiet ta' netwerking u assistenza teknika;
13. Jilqa' l-fatt li l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ kienet iffokata fuq is-snin 2014 u 2015, u li ż-żieda tal-prefinanzjament għal EUR 1 biljun kellha l-għan li tiżgura l-mobilizzazzjoni rapida ta' riżorsi;
14. Jilqa' l-fatt li l-miżuri tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ ipprovdew appoġġ lil aktar minn 1,4 miljun żaġżuġ u wasslu biex l-Istati Membri ikkonsolidaw operazzjonijiet li kienu jammontaw għal aktar minn EUR 4 biljun;
15. Ifakkar li s-suċċess tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ huwa marbut ma' governanza ekonomika tajba fl-Istati Membri peress li, mingħajr ambjent kummerċjali favorevoli li jinkoraġġixxi lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u mingħajr sistema edukattiva u xjentifika adattata għar-rekwiżiti tal-ekonomija, ma jistax ikun hemm ħolqien tax-xoġhol u lanqas ma tista' tinstab soluzzjoni fit-tul għall-problema tal-livelli ta' qgħad oġhli fost iż-żgħażaġh;



16. Jirrikonoxxi r-Rapport Speċjali tal-QEA dwar l-impatt tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ rigward l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u jinnota li, tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għad trid tilħaq l-aspettattivi tagħha; jinnota l-kumment tal-QEA dwar l-impossibbiltà li jintlaħqu n-NEETs kollha bl-użu biss tar-riżorsi tal-baġit tal-UE; jinnota li s-sitwazzjoni attwali ma tirriflettix l-aspettattivi ġġenerati bl-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, jiġifieri li jiġi żgurat li n-NEETs kollha jirċievu, fi żmien erba' xhur, offerta ta' taħriġ jew impjieġ ta' kwalità tajba;
17. Ifakkar fl-isfidi u fl-opportunitajiet biex in-NEETs jiġu attirati lejn is-suq tax-xogħol; jirrakkomanda li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-PES nazzjonali jwettqu sforzi addizzjonali sabiex aktar żgħażaġh inattivi jipparteċipaw fl-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u biex dawn jinżammu fis-suq tax-xogħol wara l-iskadenza tal-miżuri ta' appoġġ rilevanti;
18. Jinnota li l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ għandha l-għan li tappoġġa n-NEETs żgħażaġh taħt l-età ta' 25 sena li normalment ma jirċevux appoġġ għall-impjieġ jew għall-edukazzjoni; jiddispijaċih għall-fatt li l-adozzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ taffettwa l-allokazzjoni tal-impenji tal-FSE fi programmi oħrajn u jenfasizza li r-riżorsi mill-allokazzjoni speċifika tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ tal-inqas għandhom jiġu akkumpanjati mill-istess ammont ta' fondi tal-FSE;
19. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ/FSE disponibbli ma jissostitwixxux in-nefqa pubblika tal-Istati Membri bi qbil mal-Artikolu 95 u l-premessa 87 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013) u bi qbil mal-prinċipju ta' addizzjonalità; jenfasizza li programmi bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma għandhomx jissostitwixxu l-isforzi proprji tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol;
20. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati rilevanti kollha, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, bħas-servizzi pubbliċi u, fejn rilevanti, is-servizzi privati tal-impjieġi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, dawk li jimpjegaw, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-NGOs li jaħdmu maż-żgħażaġh sabiex tintlaħaq il-popolazzjoni tan-NEETs kollha; iħeġġeġ integrazzjoni aktar qawwija tal-partijiet interessati permezz ta' approċċ ta' sħubija fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jitlob kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-intraprendituri biex jiġi indirizzat in-nuqqas tat-tlaqqiġ tal-ħiliet; itenni l-idea li approċċ ta' sħubija jiġi mmirat biex jilħaq aħjar il-popolazzjoni fil-mira u jiżgura l-provvista ta' offerti ta' kwalità;
21. Ifakkar li, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), Garanzija għaż-Żgħażaġħ effiċjenti tirrikjedi finanzjament annwali ta' madwar EUR 45 biljun għall-UE 28; iqis xieraq li dan il-finanzjament jiġi kkunsidrat bħala investiment, fid-dawl tat-tnaqqis sinifikanti li se jipproduċi, f'każ li jkun effikaċi, fl-ispejjeż relatati mal-impjieġ taż-żgħażaġh;
22. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi partizzjoni tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ li kull Stat Membru jeħtieġ li jagħmel sabiex jimplimenta l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ b'effikaċja, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-estimi tal-

ILO;

23. Jinnota li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ kien kaġun tal-ħatra tardiva tal-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti, u jqis li dan hu nuqqas tal-bażi ġuridika tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ li xekklet l-isforzi inizjali għal implimentazzjoni mħaffa permezz ta' finanzjament antiċipat;
24. Jemmen li hemm bżonn li tiġi ffaċilitata d-diversità u l-aċċessibbiltà tal-finanzjament u li l-fokus għandu jkun fuq l-effikaċja tal-infiq, filwaqt li jiġu implimentati riformi ulterjuri fl-oqsma tal-politika u s-servizzi;
25. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mfassla miżuri apposta għall-ħtiġijiet tal-kuntest lokali sabiex jiżdied l-impatt tagħhom, pereżempju permezz ta' involviment aktar mill-qrib tar-rappreżentanti lokali ta' min, jimpjega, il-fornituri tat-taħriġ lokali u l-awtoritajiet lokali; jappella għal diversifikazzjoni tal-kanali ta' finanzjament li jinvolvu l-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex jintlaħqu aħjar in-NEETs kollha;
26. Ifakkar li, fil-qafas tal-QFP attwali, ikun xieraq li l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ tiġi ffinanzjata b'approprjazzjonijiet ġodda, u mhux minn riallokazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet baġitarji eżistenti; jistenna impenn politiku ambizzjuż fil-QFP li jmiss;
27. Huwa tal-fehma li biex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tiffunzjona tajjeb, anke l-PES lokali għandhom ukoll jiffunzjonaw tajjeb;
28. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' għarfien u kapaċità speċifika fl-Istati Membri fi ħdan il-PES, sabiex jingħata appoġġ lil dawġ in-nies li ma jirnexx ilhomx isibu impjieġ fi żmien erba' xhur wara li jispiċċaw qiegħda jew wara li jħallu l-edukazzjoni formali; iħeġġeġ parteċipazzjoni akbar tal-assoċjazzjonijiet kummerċjali u industrijali fl-implimentazzjoni tal-programm;
29. Jiddeplora l-fatt li l-parti l-kbira tan-NEETs fl-UE għad ma għandhomx aċċess għal kwalunkwe skema tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, *inter alia*, għaliex dawn ġeneralment mhumiex reġistrati mal-PES; jitlob lill-Kunsill iqis li jkompli l-iskambju ta' taġlim man-network eżistenti tal-PES, bil-għan li jiġu żviluppati strateġiji bbażati fuq l-aħjar Prattiki sabiex jintlaħqu jiġu appoġġati ż-żgħażaġh NEETs;
30. Jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tal-QEA u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex tiżdied il-kopertura u l-effikaċja tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
31. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' one-stop-shops għandu jiġi appoġġat sabiex tingħata spinta lill-impatt pożittiv tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ billi jiġi żgurat li s-servizzi u l-gwida kollha jkunu disponibbli għaż-żgħażaġh f'post wieħed;
32. Jinnota li n-nuqqas ta' viżibbiltà tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ jaf jagħmilha diffiċli li jintlaħqu ż-żgħażaġh kollha; jirrakkomanda li tiżdied il-possibbiltà li jiġu ffinanzjati l-kampanji lokali organizzati b'mod konġunt mas-sieħba soċjali lokali kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, u li jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' pjattaformi għaż-żgħażaġh biex jirreġistraw fl-iskema; jirrakkomanda li l-informazzjoni relatata mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun aċċessibbli u faċli biex tinftiehem minn kulħadd;

33. Jirakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li dak li qed joffru jkun ta' kwalità tajba; jisħaq, pereżempju, fuq il-fatt li l-proposti magħmula għandhom jaqblu mal-profilu tal-parteċipanti u jissodisfaw id-domanda tal-impjegji sabiex jippermettu l-integrazzjoni sostenibbli u potenzjalment fit-tul fis-suq tax-xogħol innifsu;
34. Jinnota b'dispjaċir li bosta Stati Membri għadhom ma stabbilixxewx definizzjoni għal "offerta ta' kwalità"; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas tal-Kumitat tal-Impjegji (EMCO) tal-Unjoni Ewropea, sabiex jużaw in-netwerks eżistenti biex jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' karatteristiċi maqbula b'mod komuni ta' dan il-kunċett, billi jikkunsidraw il-Qafas Ewropew ta' Kwalità għall-Apprendistati, id-dikjarazzjoni konġunta tas-sħab soċjali Ewropej bit-titlu "Lejn Viżjoni Komuni għall-Apprendistati" u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-impjeg prekarju; iħeġġeġ, barra minn hekk lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, biex jiżguraw li dawn il-karatteristiċi jissejju fuq offerta li taqbel mal-livell tal-kwalifiki, il-profil u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-parteċipanti, u dan joffri opportunitajiet għal xogħol li jippermettulhom li jaqilgħu introjtu li jiggarantixxi l-għajxien, sabiex igawdu minn protezzjonijiet soċjali u biex jiġu offruti prospettivi għall-iżvilupp, li jwassluhom għal tkabbir sostenibbli, u għal integrazzjoni mqabbla tajjeb fis-suq tax-xogħol; jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-QEA fir-rapport speċjali tagħha Nru 5/2017 li tgħid li għandha tingħata aktar attenzjoni sabiex titjieb il-kwalità tal-offerti;
35. Jistieden lill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni mal-Kumitat EMCO, tipproponi standards għal kriterji tal-kwalità għal offerti prospettivi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi definit qafas ta' kwalità bi standards ta' kwalità għal tali offerti;
36. Jinnota li sabiex jinkiseb il-għan li tkun żgurata offerta ta' kwalità u impjeg kontinwu għaż-żgħażaġh kollha fl-età ta' 24 sena jew iżgħar, hemm bżonn ta' numru konsiderevoli ta' aktar riżorsi fil-livell uman, tekniku u finanzjarju; jilqa' l-fatt li bosta Stati Membri żiedu l-età massima ta' eliġibbiltà għaż-żgħażaġh riċevituri ta' appoġġ mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għal 30 sena;
37. Jippromwovi li jkun żgurat li ż-żgħażaġh koperti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ikomplu jikkontribwixxu u jkollhom aċċess għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u tax-xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru tagħhom, biex b'hekk tissaħħaħ ir-responsabbiltà kondiviża ta' dawk kollha involuti u b'mod partikolari taż-żgħażaġh u ta' dawk li jimpjegaw;
38. Jenfasizza li l-miżuri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ x'aktarx ikunu aktar effiċjenti u kosteffikaċi meta ż-żgħażaġh jiġu meġhuna jidħlu fis-suq tax-xogħol b'mod li jkun jistgħu jingħataw opportunitajiet ta' impjeg sostenibbli u progressjoni salarjali;
39. Jenfasizza li n-NEETs huma grupp eteroġenju u varjat u li l-iskemi jkun aktar effiċjenti u kosteffikaċi meta jiġu ffokati biex jindirizzaw l-isfidi identifikati; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jiġu stabbiliti strateġiji komprensivi b'objettivi ċari bl-għan li jintlaħqu l-kategoriji kollha ta' NEETs; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti soluzzjonijiet magħmula apposta b'kunsiderazzjoni tal-kuntest lokali u reġjonali, pereżempju billi tiġi żgurata l-parteċipazzjoni mill-qrib tar-rappreżentanti lokali ta' dawk li jimpjegaw, il-fornituri ta' taħriġ lokali u l-awtoritajiet lokali; jistieden lill-Istati Membri jfasslu perkorsi individwali għal kull kandidat, filwaqt li jagħtu lill-PES nazzjonali l-flessibbiltà li jeħtieġu sabiex jadattaw il-mudelli tal-profilu;
40. Jistieden lill-Istati Membri jstabbilixxu strateġiji ta' komunikazzjoni xierqa u

jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jidentifikaw il-popolazzjoni tan-NEETs, speċjalment NEETs inattivi li mhumiex koperti mis-sistemi eżistenti, bil-għan dawn jiġu reġistrati u li s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh li jtilqu l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tiġi monitorjata f'intervalli speċifiċi (wara sitt xhur, 12-il xahar u 18-il xahar) sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa għal soluzzjonijiet magħmula apposta għal grupp varjat ta' żgħażaġh u biex daww mhux reġistrati jiġu kkunsidrati bħala grupp destinatariju ewlieni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi tal-FSE disponibbli ma jissostitwixxux in-nefqa pubblika u jinnota li tkabbir ekonomiku suffiċjenti huwa prerekwiżit għall-integrazzjoni effikaċi tan-NEETs fis-suq tax-xogħol;

41. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jivvalutaw kwalunkwe nuqqas u jwettqu analiżijiet tas-suq qabel l-introduzzjoni tas-sistemi previsti taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u b'hekk jevitaw korsijiet ta' taħriġ bla valur u l-isfruttament ta' trainees fuq traineeships li ma jwasslu mkien;
42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw inizjattivi tranżizzjonali proattivi, bħall-orjentament vokazzjonali, gwida dwar il-karrieri u informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, kif ukoll servizzi ta' appoġġ fl-iskejjel u servizzi dwar il-karrieri fl-universitajiet sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni taż-żgħażaġh fid-dinja tax-xogħol u biex jingħataw ħiliet ta' tranżizzjoni u ta' ġestjoni tal-karriera;
43. Jinnota li n-nuqqas ta' viżibbiltà tal-iskema jaf jagħmilha diffiċli li jintlaħqu ż-żgħażaġh kollha; jirrakkomanda li tittieħed azzjoni biex tittejjeb il-possibbiltà li jiġu ffinanzjati kampanji lokali organizzati mas-sħab lokali rilevanti kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, u biex jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' pjattaformi għaż-żgħażaġh biex jirreġistraw fl-iskema; jirrakkomanda li l-informazzjoni relatata mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun aċċessibbli u tinftiehem faċilment minn kulħadd;
44. Jinnota l-isfida persistenti ta' nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet li jissodisfaw id-domandi tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas tal-Kumitat EMCO, tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti fihom sabiex jindirizza din il-kwistjoni;
45. Huwa tal-fehma li l-problemi relatati man-nuqqas tat-tlaqqiġ tal-ħiliet jista' jissolva billi jiġu identifikati aħjar il-kompetenzi tal-individwi u billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sistemi nazzjonali ta' taħriġ; jenfasizza li ż-żieda fil-mobilità taż-żgħażaġh tista' ttejjeb is-settijiet ta' ħiliet tagħhom, u, flimkien mar-rikonossiment tal-kwalifiki, tista' tgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ ġeografiku eżistenti tal-ħiliet; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex, f'dan ir-rigward, jagħmlu aktar użu mill-EURES.
46. Jenfasizza li l-ħiliet fl-ICT jistgħu joffru potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjegi sostenibbli, u għalhekk jistieden lill-Istati Membri jinkludu miżuri effettivi għat-tisħiħ tal-ħiliet fl-ICT/ħiliet diġitali fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom;
47. Jinnota li jinħtieġ approċċ aktar diversifikat u magħmul apposta fil-provvista ta' servizzi lil gruppi differenti fi ħdan il-parti żagħżugħa tal-popolazzjoni sabiex tiġi evitata għażla selettiva u għażla diskriminatorja; jappella għal divulgazzjoni aktar b'saħħitha, aktar mingħajr ostakli u dedikata biex jintlaħqu ż-żgħażaġh li qed jiffaċċjaw bosta ostakli u daww l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-

Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun ikkoordinata ma' politiki oħra, bħalma huma l-politiki kontra d-diskriminazzjoni, b'mod effikaċi, u li titwessa' l-firxa ta' interventi proposti fl-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;

48. Iqis li l-qgħad fost iż-żgħażaġh għandu jiġi indirizzat bħala prijorità sa mill-bidu nett tal-programmi operazzjonali futuri tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE);

### ***Implimentazzjoni u monitoraġġ***

49. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hi monitorjata permezz tas-Semestru Ewropew, ir-rieżamijiet tal-Kumitat EMCO u permezz ta' qafas ta' indikaturi speċifiku żviluppat mill-Kumitat EMCO flimkien mal-Kummissjoni; jappella lill-Kunsill jappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu r-rapportar tad-data;

50. Jinnota li nuqqas ta' informazzjoni dwar l-ispiża potenzjali tal-implimentazzjoni ta' skema fi Stat Membru jista' jirriżulta f'finanzjament inadegwat biex tiġi implimentata l-iskema u biex jintlaħqu l-oġġettivi tagħha; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu ħarsa ġenerali tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kif rakkomandat fir-rapport speċjali tal-QEA Nru 5/2017;

51. Jissottolinja l-fatt li l-allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa u l-valutazzjoni tal-finanzjament globali huma parti importanti mill-implimentazzjoni b'suċċess tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-evalwazzjoni tal-finanzjament globali tista' tiġi mxejjla minn diffikultajiet biex issir distinzjoni bejn it-tipi differenti ta' miżuri mmirati lejn iż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni iktar preċiża dwar il-kosteffikaċja tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u dwar kif l-implimentazzjoni tal-programm tiġi mmonitorjata fl-Istati Membri u biex tipprovdi rapportar annwali komprensiv dwar dan;

53. Jenfasizza li huma bżonn ta' mekkaniżmi effikaċi biex jiġu diskussi u riżolti diffikultajiet esperjenzati waqt l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jenfasizza l-ħtieġa għal impenn politiku u finanzjarju qawwi, iżda li jkun realistiku u li jista' jintlaħaq, mill-Istati Membri sabiex jiġi implimentat l-għan tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ b'mod sħiħ, inkluż billi jiġu żgurati mekkaniżmi ta' intervent bikri, il-kwalità tal-impjegi, offerti ulterjuri ta' edukazzjoni u taħriġ, kriterji ta' eliġibbiltà ċari u bil-bini ta' sħubijiet mal-partijiet interessati rilevanti; jisħaq li dan għandu jsir billi tiġi żgurata il-komunikazzjoni effikaċi, it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fejn meħtieġ, il-kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet lokali, l-iffaċilitar tat-tisħiħ tal-ħiliet u l-istabbiliment ta' strutturi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa matul u wara l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri;

54. Jitlob li jkun hemm sorveljanza multilaterali effikaċi ta' konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fi ħdan is-Semestru Ewropew u biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fejn meħtieġ;

55. Itenni l-impenn tiegħu għall-monitoraġġ mill-qrib tal-attivitajiet kollha tal-Istati Membri sabiex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ issir realtà u jstieden lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh iżommu lill-Parlament aġġornat dwar l-analiżi tagħhom tal-azzjoni tal-Istati

Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvolvu lill-partijiet interessati taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika; ifakkar li l-involviment ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-komunikazzjoni, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ huwa kruċjali għas-suċċess tagħha;

56. Jinnota l-eżistenza ta' xi dewmien fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri, prinċipalment għal raġunijiet strutturali u proċedurali; jesprimi tħassib dwar il-livell ta' użu mill-Istati Membri tal-prefinanzjament minn allokati għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ; jinsisti, għalhekk, li għandhom jittieħdu azzjonijiet urġenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jużaw, kemm b'mod sħiħ u f'waqtu, ir-riżorsi disponibbli għall-għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh; huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jieħdu impenji finanzjarji addizzjonali fil-baġits nazzjonali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi strutturali;
57. Jilqa' l-kooperazzjoni tal-Kummissjoni mal-Istati Membri biex jiġu identifikati u distribwiti prattiki tajba fil-monitoraġġ u r-rappurtar ibbażati fuq is-sistemi eżistenti fost l-Istati Membri; ifakkar lill-Kummissjoni li l-komparabbiltà tad-data tibqa' fundamentali għal dawn il-finijiet;
58. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli tidentifika u xxerred prattiki ta' monitoraġġ u rapportar tajba, biex b'hekk ir-riżultati mill-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu kkomunikati b'mod konsistenti u affidabbli, u valutati mingħajr xkiel, inkluż fir-rigward tal-kwalità; b'mod partikolari, jinħtieġ li tiġi pprovduta statistika ta' kwalità regolari li tippermetti lill-Istati Membri jfasslu politiki dwar iż-żgħażaġh aktar realistiċi u effikaċi, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-parteciċipanti li jħallu lill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, dan sabiex in-numru ta' parteciċipanti li jtilqu mill-programm u li ma jgawdux minnu f'livell minimu;
59. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mod li bih l-Istati Membri jimplementaw skemi approvati fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ trasparenti, komprensiva u b'data miftuħa li tkopri l-kosteffikaċja u r-riformi strutturali u l-miżuri iffokati fuq l-individwi;
60. Jissuġġerixxi analiżi *ex-ante* f'kull Stat Membru biex jiġu stabbiliti objettivi miri u skedi ta' żmien konkreti skont ir-riżultati mistennija mill-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u jissuġġerixxi li jiġi evitat il-finanzjament doppju;
61. Iħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki permezz tal-Kumitat EMCO u l-Kumitat tal-Programm ta' Tagħlim Reċiproku skont l-Istrateġija Ewropea għall-Impjieġi; jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza tat-tagħlim reċiproku mmirat lejn l-attivazzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli;
62. Jinsab imħasseb li d-data dwar il-benefiċjarji, ir-realizzazzjonijiet u r-riżultati tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ hi skarsa u spiss hi inkonsistenti; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistemi ta' monitoraġġ anqas burokratiċi u aktar aġġornati għall-bqija tal-finanzjament tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ;
63. Jitlob li jkun hemm enfasi fuq ir-riżultati miksuba mill-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, permezz tad-definizzjoni ta' indikaturi konkreti fil-forma ta' riformi mwettqa fl-Istati Membri, l-għarfien u l-ħiliet miksuba mill-programm, u n-numru ta' kuntratti

permanenti offruti; jissuġġerixxi, barra minn hekk, li l-esperjenza ta' mentors fil-professjoni magħżula jitqabblu mal-ħiliet meħtieġa mill-applikanti rispettivi;

64. Jistieden lill-Istati Membri biex ikabbru l-effikaċja tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar sabiex l-għanijiet tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ isiru aktar kwantifikabbli u biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' politiki ta' attivazzjoni bbażati fuq l-evidenza mmirati lejn iż-żgħażaġħ, u, b'mod partikolari, biex titjeb il-kapaċità ta' segwitu tal-parteċipanti li jtilqu mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun in-numru tat-tluq mhux magħruf u biex ikun hemm data dwar is-sitwazzjonijiet attwali tal-parteċipanti kollha; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-dokumenti ta' gwida tagħha dwar il-ġbir ta' data u biex l-Istati Membri jirrevedu l-linji bażi u l-miri tagħhom b'tali mod li jimminimizzaw ir-riskju ta' riżultati sopravvalutati;
65. Jirrikonoxxi li għal xi Stati Membri, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tat spinta lit-tibdiliet fil-politika u għal koordinament aħjar fl-oqsma tal-impjiegi u l-edukazzjoni; jenfasizza l-importanza ta': l-istabbiliment ta' miri realistiċi u li jistgħu jitkejlu fil-promozzjoni ta' politiki u oqfsa bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, l-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin u għandha tittieħed azzjoni xierqa biex dawn jingħelbu u l-valutazzjoni ta' dawk l-isfidi b'kunsiderazzjoni xierqa għat-titjib tal-impjegabbiltà; jinnota li f'ċerti ċirkostanzi kien diffiċli li jiġi identifikat u valutat il-kontribut mogħti s'issa mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li l-istatistika ta' kwalità għandha tgħin lill-Istati Membri jfasslu politiki taż-żgħażaġħ aktar realistiċi u effikaċi mingħajr ma jagħtu lok għal aspettattivi foloz;
66. Jirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti magħmula minn bosta Stati Membri fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; josserva madankollu, li bosta riformi għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ, partikolarment fil-ħolqien ta' sħubijiet ġodda mas-sħab soċjali u maż-żgħażaġħ għad-disinn, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri fi ħdan il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u biex dawk li jiffaċċjaw ostakoli multipli jingħataw appoġġ; jikkonkludi li jinħtieġu sforzi fit-tul konsiderevoli u riżorsi finanzjarji sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
67. Huwa tal-fehma li kwalunkwe użu ripetut tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma jridx imur kontra l-ispirtu tal-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol kif ukoll tal-għan tat-tranżizzjoni f'impjieg permanenti; jistieden lill-Kunsill jisfrutta l-analiżi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) biex jalloka riżorsi xierqa lill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażaġħ, inkluż dawk sal-età ta' 30 sena, jirċievu offerti ta' kwalità tajba konformi mal-profilu u l-livell l-kwalifiki tagħhom, kif ukoll mad-domanda tas-suq tax-xogħol, sabiex jinħolqu impjiegi sostenibbli u biex jiġi evitat l-użu ripetut tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
68. Jemmen li, sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-iskemi, għandhom jiġu evalwati l-aspetti kollha inkluż il-valur għall-flus ta' dawn l-iskemi; jinnota l-estimi preċedenti pprovduti mill-ILO u mill-Eurofound, u jitlob lill-Kummissjoni tikkonferma jew taġġorna dawn il-projezzjonijiet;
69. Jitlob li ssir valutazzjoni tal-effikaċja tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li għandha titwettaq f'kull Stat Membru parteċipanti sabiex jiġi evitat l-isfruttament taż-żgħażaġħ minn ċerti kumpaniji li qed jużaw skemi ta' taħriġ fittizji biex jibbenefikaw minn xogħol iffinanzjat mill-istat; jipproponi, għal dan il-għan, li jsir monitoraġġ tal-prospetti tal-impjieg taż-żgħażaġħ li kienu benefiċjarji tal-programm u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jeħtieġu

parteċipazzjoni minn dawk li jimpjegaw, kemm jekk pubbliċi kif ukoll jekk privati, sabiex perċentwal minimu ta' traineeships jiġu kkonvertiti f'kuntratti ta' impjieg bħala kundizzjoni biex ikomplu jibbenefikaw mill-programm;

70. Jinnota li, sa tmiem l-2017, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi evalwazzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, u jistenna li l-aġġustamenti neċessarji jiġu inkorporati malajr biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħha tkun suċċess; jisħaq fuq l-importanza li titkompla l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż mill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
71. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema ta' indikaturi u miżuri li għandhom l-għan li jivvalutaw u jimmonitorjaw l-effikaċja taż-żewġ skemi pubbliċi għall-impjieg u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, peress li għalkemm sar provvediment, mill-bidu għal sistema bħal din, għad fadal ħafna nuqqasijiet;
72. Jitlob li l-parteċipanti tal-programm jiġu debitament informati dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' abbuż ta' dan l-istrument u li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li huma jirċievu l-protezzjoni meħtieġa, kif ippjanat;
73. Jappella għal skrutinju, rappurtar u monitoraġġ effiċjenti u trasparenti dwar kif il-fondi allokatu jintefqu fil-livelli Ewropej u nazzjonali, dan sabiex jiġu pprevenuti l-abbużi u l-ħela tar-riżorsi;

#### ***Titjib li jrid isir***

74. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ggarantit impenn fit-tul, permezz ta' programmazzjoni ambizzjuża u ta' finanzjament stabbli kemm mill-baġit tal-UE u wkoll mill-baġits nazzjonali, biex iż-żgħażaġh NEETs kollha fl-UE jingħataw aċċess sħiħ;
75. Ifakkar fl-importanza ta' kooperazzjoni bejn il-livelli kollha ta' governanza (l-UE, l-Istati Membri u l-entitajiet lokali) u l-assistenza teknika tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni effikaċi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
76. Jenfasizza l-ħtieġa li tinħoloq u tiġi żviluppata gwida għall-karrieri tul il-ħajja ta' livell ta' kwalità għoli bil-parteċipazzjoni attiva tal-familji sabiex iż-żgħażaġh jingħataw l-għajnuna biex jagħmlu għażliet aħjar dwar l-edukazzjoni u l-karrieri professjonali tagħhom;
77. Jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm bżonn li titjeb l-effikaċja tal-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ; jemmen li dan għandu jinkiseb billi jkun żgurat li n-NEETs jiġu integrati b'mod sostenibbli fis-suq tax-xoġhol u bit-tfassil ta' objettivi li jirriflettu d-diversità tal-għamla tan-NEETs, b'interventi speċifiċi, u loġiċi għal kull wieħed mis-sottogruppi fil-mira; jinnota li l-użu addizzjonali ta' programmi oħra tal-FSE biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-integrazzjoni tan-NEETs jistgħu jtejbju l-effiċjenza;
78. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jimmaniġġjaw l-aspettattivi billi jistabbilixxu għanijiet u miri realistiċi u li jistgħu jinkisbu, biex jivvalutaw id-differenzi, janalizzaw is-suq qabel l-implimentazzjoni tal-iskemi, biex jtejbju s-sistemi ta'



supervizzjoni u ta' notifikata, u biex jtejbu l-kwalità tad-data sabiex ir-riżultati jkunu jistgħu jiġu mkejla b'mod effettiv;

79. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' finanzjament suffiċjenti sabiex jiżguraw l-integrazzjoni b'suċċess tal-ħaddiema żgħażaġh kollha li huma qiegħda jew li m'għandhomx aċċess għal taħriġ jew għal offerta edukattiva adegwata; jenfasizza li sabiex jiġu żgurati riżultati sostenibbli, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinħtieġ li tibni fuq l-evidenza u l-esperjenzi eżistenti u li titkompla fit-tul; jenfasizza l-fatt li dan jirrikjedi żieda fil-fondi pubbliċi disponibbli għall-politiki attivi tas-suq tax-xoġhol fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri;
80. Jappella lill-Istati Membri biex jivvalutaw kif xieraq l-ispejjeż tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom, biex jimmaniġġjaw l-aspettattivi billi jistabbilixxu objettivi u miri realistiki u li jistgħu jintlaħqu, biex jallokaw riżorsi addizzjonali mill-baġits nazzjonali tagħhom u biex isaħħu l-finanzjament tal-PES tagħhom b'mod li jippermettilhom jissodisfaw id-doveri addizzjonali marbuta mal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ;
81. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-provvista ta' data ta' segwitu biex tiġi valutata s-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-eżiti minn perspettiva ta' kwalità u ta' kwantità, u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' politiki taż-żgħażaġh ibbażati aktar fuq l-evidenza; jitlob li jkun hemm trasparenza u konsistenza akbar fil-ġbir ta' data, inkluż ġbir ta' data diżaggregata fir-rigward tas-sessi, fl-Istati Membri kollha; jinnotta bi tħassib li s-sostenibbiltà tal-"ħruġ pożittiv" fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ sejra lura<sup>1</sup>;
82. Jappella lill-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata tal-effetti tal-miżuri implimentati fl-Istati Membri, biex tindividwa s-soluzzjonijiet l-aktar effiċjenti u, abbażi ta' dawn, tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar kif jistgħu jiksibu l-aħjar riżultati bi grad ogħla ta' effiċjenza;

o

o o

83. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

---

<sup>1</sup> Paragrafu 164 tar-Rapport Speċjali tal-QEA Nru 5/2017.

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kontroll tal-infiq u monitoraġġ tal-kosteffikaċja tal-iskemi ta' Garanzija għaż-  
Żgħażaġħ tal-UE  
(2016/2242(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Vladimír Maňka

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh hija prijorità politika kondiviża mill-Parlament, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, u tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv tal-Unjoni ta' tkabbir u impjiegi;
- B. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, bħala investiment fiż-żgħażaġh, hija eżempju ta' bbaġitjar orjentat lejn ir-riżultati;
- C. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) ikkontribwew b'mod sinifikanti biex titnaqqas ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE billi taw spinta lill-edukazzjoni u lid-domanda tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh u appoġġaw miżuri għall-ħolqien tax-xogħol; billi r-rata għolja ta' 17,2 % taż-żgħażaġh fl-UE 28 li għadhom qiegħda hija inaċċettabbli<sup>1</sup>;
- D. billi l-livell tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għadu għoli b'mod inaċċettabbli; billi, bħala medja madwar l-UE, 41,9 % biss taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ għandhom aċċess għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
- E. billi jkun xieraq li jiġi rrilevat ir-rwol li jista' jkollha l-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari fl-Istati Membri li ntlaqtu b'mod ferm aktar serju mill-kriżijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali mill-2007 'l hawn; billi jmissha tiġi ssottolinjata l-ħtieġa li dan il-programm jissaħħaħ u li jiġu żviluppjati miżuri komplementari ulterjuri, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, li jkollhom l-għan li jagħtu spinta lill-

<sup>1</sup> Is-sitwazzjoni f'Marzu 2017: <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/8002525/3-02052017-AP-EN.pdf/94b69232-83a9-4011-8c85-1d4311215619>

integrazzjoni u l-koeżjoni, filwaqt li jsaħħu wkoll il-parità bejn il-ġeneri u jiżguraw l-aċċess għall-programmi ta' taħriġ immedija biex jiġu affrontati l-isfidi teknoloġiċi ġodda fil-qasam tax-xogħol;

- F. billi l-allokazzjoni finanzjarja oriġinali għall-YEI fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 kienet ta' EUR 6,4 biljun, li EUR 3,2 biljun minnhom oriġinaw minn linja baġitarja ddedikata u ġew korrisposti b'ammont indaqs mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE); billi, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-QFP, ġiet approvata allokazzjoni addizzjonali ta' EUR 1,2 biljun għall-YEI għall-perjodu 2017-2020, li għandha tiġi korrisposta b'ammont indaqs mill-FSE; billi huwa mistenni li EUR 500 miljun minn dan l-ammont addizzjonali se jiddaħħlu fl-2017 permezz tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3/2017; billi l-allokazzjoni finali għall-programm se tiġi ddeterminata matul il-proċeduri baġitarji annwali ġejjiena;
- G. billi l-allokazzjoni oriġinali sħiħa tal-YEI ġiet ikkonċentrata fis-snin 2014-2015, u l-ebda approprijazzjoni ġdida ma ġiet inklusa għal dan il-għan fil-baġit 2016; billi n-nuqqas ta' kontinwità fil-finanzjament tal-YEI dgħajjef is-suċċess tal-programm;
- H. billi l-livell attwali ta' finanzjament, kemm min-naħa tal-baġit tal-UE u kemm min-naħa tal-Istati Membri, mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet involuti;
  - 1. Ifakkar li l-oġġettiv tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ huwa li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 29 sena jirċievu offerta ta' kwalità tajba għal impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew perjodu ta' taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jħallu l-edukazzjoni formali jew isiru qiegħda;
  - 2. Ifakkar li s-suċċess tal-YEI huwa relatat ma' governanza ekonomika tajba fl-Istati Membri peress li, mingħajr ambjent tan-negozju favorevoli li jinkoraġġixxi lill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u mingħajr sistema edukattiva u xjentifika adattata għar-rekwiżiti tal-ekonomija, ma jista' jkun hemm la l-ħolqien tax-xogħol u lanqas soluzzjoni fit-tul għall-problema tal-livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh;
  - 3. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ggarantit impenn fit-tul, permezz ta' programmazzjoni ambizzjuża u finanzjament stabbli kemm mill-baġit tal-UE u kemm mill-baġits nazzjonali, biex iż-żgħażaġh kollha fl-UE barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ jingħataw aċċess sħiħ; jappella lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi dettaljata tal-effetti tal-miżuri implimentati fl-Istati Membri, tindividwa s-soluzzjonijiet l-aktar effiċjenti u, abbażi ta' dawn, tipprovi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar kif jiksbu l-aħjar riżultati bi grad ogħla ta' effiċjenza;
  - 4. Ifakkar li, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), Garanzija għaż-Żgħażaġħ effiċjenti tirrikjedi finanzjament annwali ta' madwar EUR 45 biljun għall-UE 28; jikkunsidra li jkun xieraq li dan il-finanzjament jitqies bħala investment, minħabba t-tnaqqis sinifikanti li se jipproduċi fl-ispejjeż assoċjati mal-impjieg taż-żgħażaġh, f'każ li jkun effikaċi;
  - 5. Jappella lill-Istati Membri biex jivvalutaw kif xieraq l-ispejjeż tal-iskemi tagħhom ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, biex jimmaniġġjaw l-aspettattivi billi jstabbilixxu oġġettivi u miri realistiċi u li jistgħu jintlaħqu, biex jallokaw riżorsi addizzjonali mill-baġits domestiċi tagħhom u biex iqawwu l-finanzjament tas-servizzi pubbliċi tagħhom għall-impjieg

b'mod li jippermettilhom jissodisfaw id-dmirijiet addizzjonali marbuta mal-implimentazzjoni tal-YEI;

6. Jinnota li, sa tmiem l-2017, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi evalwazzjoni tal-YEI, u jistenna li l-aġġustamenti neċessarji jiġu inkorporati malajr biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tirnexxi; jisħaq fuq l-importanza li titkompla l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-YEI mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
7. Jemmen li hemm bżonn li jiġu ffaċilitati d-diversità u l-aċċessibilità tal-finanzjament u li l-attenzjoni tiġi ffokata fuq l-effikaċja tal-infiq, filwaqt li jiġu implimentati riformi ulterjuri fl-oqsma tal-politiki u s-servizzi;
8. Ifakkar li, fil-qafas tal-QFP attwali, ikun xieraq li l-YEI tiġi ffinanzjata permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda, u mhux minn riallokazzjonijiet tal-appropriazzjonijiet baġitarji eżistenti; jistenna impenn politiku ambizzjuż għall-QFP li jmiss;
9. Jikkunsidra li l-armonizzazzjoni tal-limiti tal-età fil-programmi Ewropej kollha għall-impjieġ taż-żgħażaġh tista' tgħin fil-promozzjoni tal-ugwaljanza, iċ-ċarezza u t-trasparenza.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.8.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30 -: 6 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jonathan Arnott, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Urmas Paet, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicola Caputo, Anneli Jäätteenmäki, Tomáš Zdechovský

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>30</b>	<b>+</b>
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez, Anneli Jäätteenmäki, Urmas Paet
GUE/NGL	Liadh Ní Riada, Younous Omarjee
PPE	Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský
S&D	Nicola Caputo, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos
VERTS/ALE	Jordi Solé, Indrek Tarand, Monika Vana

<b>6</b>	<b>-</b>
ECR	Richard Ashworth, Zbigniew Kuźmiuk, Bernd Kölmel
EFDD	Jonathan Arnott
ENF	André Elissen, Marco Zanni

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

27.6.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar kontroll tal-infiq u monitoraġġ tal-kosteffikaċja tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE  
(2016/2242(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Therese Comodini Cachia

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha rwol importanti fl-appoġġ ta' miżuri li jipprovdu liż-żgħażaġh qiegħda bil-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien meħtieġa biex jingaġġaw f'impjieg bi ħsieb fit-tul u biex isiru imprendituri, u ttiprovdi wkoll opportunità biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ fil-ħiliet;
2. Jenfasizza r-rwol importanti tal-edukazzjoni u tal-gwida għall-karriera fit-tnejn taż-żgħażaġh fl-etika tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol; jirrimarka, madankollu, li l-edukazzjoni jenħtieġ li ma ttiprovdi biss ħiliet u kompetenzi rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżda trid tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp personali u t-tkabbir taż-żgħażaġh sabiex tagħmilhom ċittadini proattivi u responsabbli; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' edukazzjoni ċivika fis-sistema edukattiva kollha kemm hi, inklużi metodi edukattivi kemm formali kif ukoll mhux formali;
3. Jenfasizza l-ħtieġa li tinholq u tiġi żviluppata gwida għall-karriera tul il-ħajja li jkollha livell għoli ta' kwalità u li tinvolvi lill-familji attivament sabiex iż-żgħażaġh jingħataw l-għajnuna biex jagħmlu għażliet aħjar dwar l-edukazzjoni u l-karrieri professjonali tagħhom;
4. Jirrimarka li l-miżuri appoġġjati mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jeħtieġ ukoll li jindirizzaw

l-isfidi strutturali li jiffaċċaw żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET) sabiex jiġi żgurat li jkollhom impatt fit-tul; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu impenji finanzjarji mmirati fil-baġits nazzjonali biex jindirizzaw dawn l-isfidi strutturali;

5. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' one-stop-shops jenħtieġ li jiġi appoġġat sabiex jingħata spinta l-impatt pożittiv tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ billi jiġi żgurat li s-servizzi u l-gwida kollha jkunu disponibbli għaż-żgħażaġħ f'post wieħed;
6. Jenfasizza li n-NEET huma grupp eteroġenu u varjat u li l-iskemi jkunu aktar effiċjenti u kosteffikaċi meta dawn ikunu mmirati biex jindirizzaw l-isfidi identifikati; jirrileva f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jiġu stabbiliti strateġiji komprensivi b'objettivi ċari bl-għan li jilhq u l-kategoriji kollha ta' NEETs;
7. Jenfasizza li l-miżuri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ x'aktarx ikunu aktar effiċjenti u kosteffikaċi meta ż-żgħażaġħ jiġu meġġuna jidħlu fis-suq tax-xoġħol b'mod li jkun jista' jipprovdilhom opportunitajiet ta' impjeg sostenibbli u progressjoni salarjali;
8. Jenfasizza li l-evalwazzjoni tal-kosteffikaċja tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ trid tqis il-kwalità tal-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jirrileva l-ħtieġa li jiġi definit qafas ta' kwalità bi standards ta' kwalità għal tali offerti;
9. Jissottolinja li l-iskemi ta' appoġġ finanzjarju huma meħtieġa wkoll, biex jindirizzaw liż-żgħażaġħ friskju li jsiru NEET;
10. Jinnota li nuqqas ta' informazzjoni dwar l-ispiża potenzjali tal-implimentazzjoni ta' skema fi Stat Membru jista' jirriżulta f'finanzjament inadegwat għall-implimentazzjoni tal-iskema u għall-ilħuq tal-objettivi tagħha; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu ħarsa ġenerali tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kif rakkomandat fir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>1</sup>;
11. Jinnota li n-nuqqas ta' viżibilità tal-iskema jaf jagħmilha diffiċli li jintlaħqu ż-żgħażaġħ kollha; jirrakkomanda li tittieħed azzjoni biex tittejjeb il-possibilità li jiġu ffinanzjati kampanji lokali organizzati mas-sħab lokali rilevanti kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, u biex jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' pjattaformi għaż-żgħażaġħ biex jirreġistraw għall-iskema; jirrakkomanda li l-informazzjoni relatata mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun aċċessibbli u tinftiehem faċilment minn kulħadd;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovd i informazzjoni iktar preċiża dwar il-kosteffikaċja tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-programm fl-Istati Membri u tipprovd rapportar annwali komprensiv dwar dan;
13. Jitlob diversifikazzjoni tal-kanali ta' finanzjament fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex jintlaħqu aħjar iż-żgħażaġħ kollha; jirrimarka, barra minn hekk, li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma diġà attivi ħafna u jenħtieġ li jiġu appoġġjati fl-azzjoni tagħhom favur iż-żgħażaġħ li jintegraw diversi linji politiċi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mod li bih l-Istati Membri jimplementaw skemi

---

<sup>1</sup> Rapport Speċjali Nru 5/2017 bit-titolu "Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ – il-politiki tal-UE għamlu differenza?" ([http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17\\_5/SR\\_YOUTH\\_GUARANTEE\\_MT.pdf](http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_5/SR_YOUTH_GUARANTEE_MT.pdf))



approvati taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u biex tistabilixxi sistema trasparenti, komprensiva u b'data miftuħa ta' monitoraġġ li tkopri l-kosteffikaċja, ir-riformi strutturali u l-miżuri mmirati lejn individwi;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u xxerred Prattiki tajba fil-monitoraġġ u r-rappurtar imsejsa fuq il-ħarsa ġenerali tagħha tas-sistemi eżistenti fl-Istati Membri kollha;
16. Jitlob li jkun hemm approċċ ta' sħubija sod li fih is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ, il-fornituri privati tal-impjiegi u l-organizzazzjonijiet tat-tielet settur jiġu involuti fit-tfassil, l-implimentazzjoni, it-twettiq u l-monitoraġġ tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
17. Jenfasizza li l-ħiliet fl-ICT jistgħu joffru potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, u għalhekk jistieden lill-Istati Membri jinkludu miżuri effettivi għat-tisħiħ tal-ħiliet fl-ICT/ħiliet diġitali fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.6.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 1 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Angel Dzhambazki, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Stefano Maullu, Morten Messerschmidt, Luigi Morgano, Momchil Nekov, John Procter, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emma McClarkin

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Michaela Šojdrová
S&D	Silvia Costa, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward, Krystyna Lybacka
ALDE	María Teresa Giménez Barbat, Yana Toom
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
Vers/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel

1	-
ENF	Dominique Bilde

4	0
ECR	Angel Dzhambazki, Emma McClarkin, Morten Messerschmidt, John Procter

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

19.7.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar kontroll tal-infiq u monitoraġġ tal-kosteffikaċja tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE  
(2016/2242(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jana Žitňanská

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh – 18,7 % fl-UE fl-2016 – hija detrimental għas-soċjetà u l-individwi kkonċernati, b'effetti negattivi dejjiema fuq l-impjegabbiltà, l-istabbiltà tad-dħul u l-iżvilupp tal-karriera; billi l-kriżi ekonomika affettwat b'mod sproporzjonat liż-żgħażaġh u f'xi Stati Membri aktar minn kwart taż-żgħażaġh huma qiegħda;
- B. billi, minn perspettiva kwantitattiva, l-adozzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ (GŻ) ma kinitx uniformi u tvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiż għall-ieħor; billi l-implimentazzjoni tas-servizzi ta' integrazzjoni elenkati taħt il-GŻ ħafna drabi hija biss parzjali, dejqa wisq fil-medda tal-parteċipanti eliġibbli, dipendenti fuq il-kapaċità eżistenti u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) u fuq il-ħeffa tal-proċeduri fil-livell Ewropew; billi l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu l-isforzi tagħhom biex isaħħu u jirrifirmaw il-PES tagħhom;
- C. billi f'April 2013, l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom biex jiżguraw tranżizzjoni b'suċċess taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol permezz tal-istabbiliment tal-iskemi ta' GŻ; billi l-awditjar imwettaq mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) kien prematur peress li l-perijodu li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni huwa qrib wisq it-tnedija tal-iskemi nazzjonali ta' garanzija u limitat biss għal ċerti Stati Membri; billi, għal dan il-għan, kien ikun aktar utli li titwettaq valutazzjoni inizjali tal-implimentazzjoni tagħhom qabel jitwettaq l-awditu;
- D. billi l-investment annwali meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-GŻ fl-Ewropa ġie stmat

għal EUR 50,4 biljun<sup>1</sup>, li huwa ferm inqas mit-telf ekonomiku annwali minħabba n-nuqqas ta' impenn taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol fl-Ewropa, li jista' jilħaq mill-inqas EUR 153 biljun<sup>2</sup>; billi l-fondi tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI) jammontaw biss għal EUR 6,4 biljun fl-2014-2018, u, inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), EUR 2 biljun addizzjonali sal-2020;

- E. billi fatturi esterni, bħas-sitwazzjoni ekonomika partikolari jew il-mudell ta' produzzjoni ta' kull reġjun, jinfluwenzaw il-kisba tal-miri stabbiliti fil-GŻ;
  - F. billi l-UE jenħtieġ li ttejjeb il-kummerċjalizzazzjoni u r-rikamar tagħha dwar miżuri soċjopolitiċi għall-grupp fil-mira sabiex tiżgura li l-azzjonijiet tagħha jkunu aktar viżibbli għall-popli tal-UE;
  - G. billi hemm differenzi sostanzjali bejn ir-reġjuni tal-Ewropa; billi f'xi każijiet, territorji b'livell għoli ta' qgħad mhux se jikkwalifikaw bħala reġjun eliġibbli għal finanzjament tal-UE fil-livell NUTS;
1. Jenfasizza li huma meħtieġa mekkaniżmi effikaċi biex jiġu diskussi u riżolti diffikultajiet esperjenzati waqt l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-GŻ; jenfasizza l-ħtieġa għal impenn politiku u finanzjarju qawwi, iżda realistiku u li jista' jintlaħaq, mill-Istati Membri sabiex jiġi implimentat l-għan tal-GŻ b'mod sħiħ, inkluż billi jiġu żgurati mekkaniżmi ta' intervent bikri, il-kwalità tal-impjieġi, offerti ulterjuri ta' edukazzjoni u taħriġ, kriterji ta' eliġibbiltà ċari u bini ta' sħubijiet mal-partijiet interessati rilevanti; billi dan jenħtieġ li jsir billi jiġu żgurati komunikazzjoni effikaċi, tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fejn meħtieġ, jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali, jiġu ffaċilitati t-tisħiħ tal-ħiliet u l-istabbiliment ta' strutturi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa matul u wara l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri;
  2. Jesprimi tħassib, madankollu, li l-iskemi tal-GŻ għadhom ma laħqux liż-żgħażaġh kollha li ħallew l-iskola jew li spiċċaw qiegħda; jenfasizza li ż-żgħażaġh kollha li huma barra mill-edukazzjoni, impjieġ jew taħriġ (NEETs) jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskemi tal-GŻ; iħeġġeġ, għalhekk, lir-reġjuni li ma jikkwalifikawx għall-kofinanzjament mill-UE biex jipparteċipaw fil-GŻ;
  3. Ifakkar li l-GŻ tibbenefika mill-appoġġ finanzjarju tal-UE permezz tal-FSE u l-YEI, li jissupplimentaw il-kontribuzzjonijiet nazzjonali; jappoġġja ħidma ta' programmar bħala parti mill-Qafas Strateġiku Komuni tal-Unjoni permezz ta' taġlim bejn il-pari, attivitajiet ta' netwerk u assistenza teknika;
  4. Jenfasizza l-fatt li l-allokkazzjoni tar-riżorsi meħtieġa u l-ivvalutar tal-finanzjament globali huma parti importanti mill-implimentazzjoni b'suċċess tal-iskemi tal-GŻ, filwaqt li jitqies li l-evalwazzjoni tal-finanzjament globali tista' tiġi mxekkla minn diffikultajiet fid-distinzjoni bejn it-tipi differenti ta' miżuri li għandhom fil-mira ż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali;
  5. Jitlob li jkun hemm sorveljanza multilaterali effikaċi ta' konformità mar-

<sup>1</sup> L-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh (Eurofound 2015).

<sup>2</sup> NEETs – Żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieġ jew taħriġ: Karatteristiċi, spejjeż u risposti politiċi fl-Ewropa (Eurofound 2012).

rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabilixxi GŻ fi ħdan is-Semestru Ewropew u għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fejn ikun meħtieġ;

6. Jenfasizza li, sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-GŻ u jiġi żgurati li ż-żgħażaġh jagħmlu tranżizzjoni b'suċċess mill-iskola għax-xogħol u mill-inattività għax-xogħol, huma meħtieġa miżuri proattivi u preventivi, riformi strutturali mill-Istati Membri bil-għan li tiġi żgurata l-kwalità tas-servizzi u l-offerti pprovduti taħt il-GŻ; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) jiġu mgħammra bl-użu xieraq ta' riżorsi, li jinħolqu sħubijiet b'saħħithom bejn il-partijiet interessati ewlenin, li l-persunal tal-PES jitħarreġ biex ifassal servizzi speċjali u magħmula apposta u li l-PES jaħdmu flimkien mal-partijiet interessati l-oħra kollha b'mod integrat;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovi partizzjoni tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali lill-YEI li kull Stat Membru jeħtieġ li jagħmel sabiex jimplementa l-GŻ b'mod effikaċi, filwaqt li titqies l-istima tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
8. Ifakkar fl-importanza li jkun hemm kooperazzjoni bejn il-livelli kollha ta' governanza (l-UE, l-Istati Membri u l-entitajiet lokali) u l-assistenza teknika tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni effikaċi tal-GŻ;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat EMCO, standards għall-kriterji tal-kwalità għal offerti prospettivi tal-GŻ;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw l-aħjar prattiki sal-potenzjal kollu tagħhom, inkluż billi jidentifikaw u jxerrdu l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tal-iskemi tal-GŻ fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-eliminazzjoni tal-piżijiet amministrattivi; jinkoraġixxi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki permezz tal-Kumitat EMCO u l-Kumitat tal-Programm ta' Tagħlim Reċiproku taħt l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi; jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' tagħlim reċiproku mmirat lejn l-attivazzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm biżżejjed finanzjament sabiex jiżguraw l-integrazzjoni b'suċċess tal-ħaddiema żgħażaġh kollha li huma qiegħda jew li m'għandhomx aċċess għal taħriġ adatt jew offerta edukattiva; jenfasizza li sabiex jiġi żgurati riżultati sostenibbli, il-GŻ jenħtieġ li tibni fuq l-evidenza u l-esperjenzi eżistenti u titkompla fit-tul; jenfasizza l-fatt li dan jirrikjedi żieda fil-fondi pubbliċi disponibbli għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri;
12. Jinnota li huwa meħtieġ approċċ aktar diversifikat u magħmul apposta fil-provvista ta' servizzi lil gruppi differenti fi ħdan id-demografika taż-żgħażaġh sabiex tiġi evitata għażla selettiva u għażla diskriminatorja; jappella għal divulgazzjoni aktar b'saħħitha, aktar mingħajr ostakli u dedikata biex jintlaħqu ż-żgħażaġh li qed jiffaċċjaw bosta ostakli u dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-GŻ tkun ikkoordinata ma' politiki oħra, bħalma huma l-politiki kontra d-diskriminazzjoni, b'mod effikaċi, u li titwessa' l-firxa ta' interventi proposti fl-offerti tal-GŻ;
13. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-provvista ta' data ta' segwitu biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà fuq terminu twil tal-eżiti minn perspettiva ta' kwalità u ta' kwantità, u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' politiki taż-żgħażaġh ibbażati aktar fuq l-evidenza; jitlob li jkun

hemm aktar trasparenza u konsistenza fil-ġbir ta' data, inkluż ġbir ta' data diżaggregata fir-rigward tas-sessi, fl-Istati Membri kollha; jinnota bi tħassib li s-sostenibbiltà ta' "ħruġ pożittiv" fil-GŻ sejra lura<sup>1</sup>;

14. Iqis li d-deċiżjoni li tittawwal il-GŻ jew li jitniedu inizjattivi ġodda biex jingħataw spinta l-impjiegi taż-żgħażaġh, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet bir-reqqa tal-possibbiltajiet u l-mezzi, u li l-oġġettivi ta' tali inizjattivi jenħtieġ li jkunu kemm jista' jkun realistiki;
15. Huwa tal-fehma li kwalunkwe użu ripetut tal-GŻ ma jridx ikun kontra l-ispirtu tal-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol kif ukoll l-għan tat-tranżizzjoni f'impjeg permanenti; jistieden lill-Kunsill jieħu vantaġġ mir-rieżami tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) biex jalloka riżorsi xierqa lill-GŻ; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażaġh, inkluż dawk sal-età ta' 30 sena, jirċievu offerti ta' kwalità tajba li jaqblu mal-profilu u l-livell ta' kwalifiki tagħhom, kif ukoll mad-domanda tas-suq tax-xogħol, sabiex jinħolqu impjiegi sostenibbli u jiġi evitat l-użu ripetut tal-GŻ;
16. Jitlob li ssir valutazzjoni tal-effikaċja tal-GŻ li għandhom jitwettqu f'kull Stat Membru parteċipanti sabiex jiġi evitat l-isfruttament taż-żgħażaġh minn ċerti kumpaniji li qed jużaw skemi ta' taħriġ fittizji biex jibbenefikaw minn xogħol iffinanzjat mill-istat; jipproponi, għal dan il-għan, li l-prospetti tal-impjeg taż-żgħażaġh li kienu benefiċjarji tal-programm ikunu mmonitorjati u jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jeħtieġu impjegaturi parteċipanti, kemm jekk pubbliċi kif ukoll jekk privati, li jikkonvertu persentaġġ minimu ta' traineeships f'kuntratti ta' impjeg bħala kundizzjoni biex ikomplu jibbenefikaw mill-programm;
17. Itenni l-impenn tiegħu li jimmonitorja mill-qrib l-attivitajiet kollha tal-Istati Membri sabiex il-GŻ issir realtà u jistieden lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh iżommu lill-Parlament aġġornat dwar l-analiżi tagħhom tal-azzjoni tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvolvu lill-partijiet interessati taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika; ifakkar li l-involviment ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-komunikazzjoni, fl-implementazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-GŻ huwa kruċjali għas-suċċess tagħha;
18. Iqis li l-qgħad fost iż-żgħażaġh jenħtieġ li jiġi indirizzat bħala prijorità sa mill-bidu nett tal-programmi operazzjonali futuri tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS);
19. Jippromovi li jkun żgurat li ż-żgħażaġh koperti mill-GŻ ikomplu jikkontribwixxu u jkollhom aċċess għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u tax-xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru tagħhom, b'tali mod li tiġi msaħħa r-responsabbiltà kondiviża ta' dawk kollha involuti u b'mod partikolari ż-żgħażaġh u l-impjegaturi;
20. Jirrikonoxxi r-Rapport Speċjali tal-QEA dwar l-impatt tal-GŻ u l-YEI dwar l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u jinnota li, tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-GŻ għad trid tilħaq l-aspettattivi; jinnota l-kument tal-QEA li huwa impossibbli li jintlaħqu n-NEETs kollha bl-użu biss tar-riżorsi tal-baġit tal-UE; jinnota li s-sitwazzjoni attwali ma tirriflettix l-aspettattivi maħluqa bl-introduzzjoni tal-GŻ, jiġifieri

---

<sup>1</sup> Il-Paragrafu 164, ir-Rapport Speċjali tal-QEA Nru 05/2017, bit-titolu: "Il-qgħad fost iż-żgħażaġh – il-politiki tal-UE għamli differenza?"

li tiżgura li n-NEETs kollha jirċievu, fi żmien erba' xhur, offerta ta' kwalità ta' taħriġ jew impjieg;

21. Jenfasizza li nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet persistenti bejn il-profilu tal-parteeċipanti u l-GŻ jikkontribwixxi għar-ritorn lejn status ta' NEET; jinnotta li m'hemm ebda definizzjoni komuni u aċċettata b'mod universali ta' x'tikkostitwixxi "offerta ta' kwalità tajba" taħt il-GŻ; jemmen li bażi tajba għal tali definizzjoni hija s-suġġeriment li l-offerti jkunu kkunsidrati biss li jkunu ta' kwalità tajba jekk dawn jaqblu mal-profil u mal-livell ta' kwalifika tal-parteeċipant, u mad-domanda tas-suq tax-xogħol, u jwasslu għal integrazzjoni sostenibbli u mlaqqa' b'mod tajjeb fis-suq tax-xogħol; jemmen li l-iżvilupp ta' definizzjoni, fih innifsu, ma jiggarantixxix riżultat pożittiv ta' parteeċipazzjoni fil-GŻ, peress li t-tkabbir ekonomiku suffiċjenti huwa prerekwiżit għall-integrazzjoni sostenibbli tan-NEETs fis-suq tax-xogħol;
22. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar aktar effiċjenti sabiex jagħmlu l-għanijiet tal-GŻ aktar kwantifikabbli u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' politiki ta' attivazzjoni bbażati fuq l-evidenza mmirati lejn iż-żgħażaġh, u, b'mod partikolari, itejbu l-kapaċità li jsegwu lill-parteeċipanti li joħorġu mill-GŻ sabiex inaqqsu n-numru ta' ħruġ mhux magħruf kemm jista' jkun u jkollhom data dwar is-sitwazzjonijiet attwali tal-parteeċipanti kollha; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-dokumenti ta' gwida tagħha dwar il-ġbir ta' data u dwar l-Istati Membri biex jirrevedu l-linji bażi u l-miri tagħhom b'tali mod li jimminimizzaw ir-riskju ta' riżultati soprvalutati;
23. Jirrikonoxxi li għal xi Stati Membri, il-GŻ saret xprunatur għat-tibdiliet fil-politika u għall-koordinazzjoni aħjar fl-oqsma tal-impjegi u l-edukazzjoni; jenfasizza l-importanza ta': l-istabbiliment ta' miri realistiċi u li jistgħu jitkejlu fil-promozzjoni ta' politiki u oqfsa bħall-GŻ, l-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin u l-azzjoni xierqa li jenħtieġ li tittieħed biex dawn jingħelbu u l-valutazzjoni ta' dawk l-isfidi b'kunsiderazzjoni xierqa għat-titjib tal-impjegabbiltà; jinnotta li f'ċerti ċirkostanzi kien diffiċli biex jiġi identifikat u vvalutat il-kontribut li l-GŻ għamlet sa issa u li statistiċi ta' kwalità jenħtieġ li jgħinu lill-Istati Membri jfasslu politiki taż-żgħażaġh aktar realistiċi u effikaċi mingħajr ma jagħtu lok għal aspettattivi foloz;
24. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi tal-YEI/FSE disponibbli ma jissostitwixxux in-nefqa pubblika tal-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 95 u l-premessa 87 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013) u b'konformità mal-prinċipju ta' addizzjonalità; jenfasizza li programmi bħall-GŻ ma jridux ikunu sostituti għall-isforzi nnifishom tal-Istati Membri biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol;
25. Jieħu nota li l-grupp tan-NEET huwa eteroġenju ħafna; jistieden lill-Istati Membri jwettqu analiżi komprensiva tad-demografika tan-NEET u jissuġġerixxi li tajjeb li jkun hemm definizzjoni aktar preċiża ta' NEETs; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti soluzzjonijiet magħmula apposta għal grupp divers ta' żgħażaġh, billi jitqies il-kuntest lokali u reġjonali, pereżempju billi jiġi żgurat l-involvement mill-qrib tar-rappreżentati ta' impjegaturi lokali, il-fornituri ta' taħriġ lokali u l-awtoritajiet lokali; jistieden lill-Istati Membri jfasslu l-moġhdija individwali għal kull kandidat, filwaqt li jagħtu lis-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjegi l-flessibbiltà li jeħtieġu sabiex jadattaw il-mudelli tal-profilu;
26. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji ta' komunikazzjoni xierqa u



jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jidentifikaw il-popolazzjoni tan-NEET, speċjalment NEETs inattivi li mhumiex koperti mis-sistemi eżistenti, bil-għan li jirreġistrawhom u jimmonitorjaw is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh li jħallu l-iskemi tal-GŻ f'intervalli speċifiċi (wara 6, 12 u 18-il xahar) sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa għal soluzzjonijiet magħmula apposta għal grupp divers ta' żgħażaġh u li daww mhux reġistrati jsiru grupp destinatari ewlieni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi tal-FSE disponibbli ma jissostitwixxux in-nefqa pubblika u jinnota li tkabbir ekonomiku suffiċjenti huwa prerekwiżit għall-integrazzjoni effikaċi tan-NEETs fis-suq tax-xogħol;

27. Jappella għal skrutinju, rappurtar u monitoraġġ effiċjenti u trasparenti dwar kif il-fondi allokati fil-livelli Ewropej u nazzjonali jintnefqu sabiex jiġu pprevenuti l-abbużi u l-ħela ta' riżorsi;
28. Jenfasizza l-importanza tat-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati rilevanti kollha, inkluż f'livell reġjonali u lokali, bħas-servizzi pubbliċi u, fejn rilevanti, is-servizzi privati tal-impjiegi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjegaturi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-NGOs li jaħdmu maż-żgħażaġh sabiex tintlaħaq il-popolazzjoni NEET kollha; iħeġġeġ integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-partijiet interessati permezz ta' approċċ ta' sħubija fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-GŻ; jitlob għal titjib fil-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-intraprendituri biex jindirizzaw in-nuqqas tat-tlaqqiġ tal-ħiliet; itenni l-idea li approċċ ta' sħubija huwa mmirat biex jilħaq aħjar il-popolazzjoni fil-mira u jiżgura l-provvista ta' offerti ta' kwalità;
29. Huwa tal-fehma li l-problemi relatati man-nuqqas tat-tlaqqiġ tal-ħiliet jista' jissolva billi ssir identifikazzjoni aħjar tal-kompetenzi tal-individwi u billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sistemi nazzjonali ta' taħriġ; jenfasizza li ż-żieda fil-mobilità taż-żgħażaġh tista' ttejjeb is-settijiet ta' ħiliet tagħhom, u, flimkien mar-rikonoxximent tal-kwalifiki, tista' tgħin tindirizza n-nuqqas ta' tlaqqiġ ġeografiku eżistenti tal-ħiliet; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex, f'dan ir-rigward, jagħmlu aktar użu mill-EURES.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.6.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 36 -: 4 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Guillaume Balas, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Marian Harkin, Czesław Hoc, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Elisabeth Morin-Chartier, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Robert Rochefort, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Romana Tomc, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Jana Žitňanská
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Heinz K. Becker, Lynn Boylan, Miapetra Kumpula-Natri, António Marinho e Pinto, Tamás Meszerics, Joachim Schuster, Michaela Šojdrová
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Xabier Benito Ziluaga, Monika Smolková, Milan Zver

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>36</b>	<b>+</b>
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Marian Harkin, António Marinho e Pinto, Robert Rochefort
ECR	Czesław Hoc, Ulrike Trebesius, Jana Žitňanská
EPP	Heinz K. Becker, Danuta Jazłowiecka, Ádám Kósa, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Anne Sander, Sven Schulze, Michaela Šojdrová, Romana Tomc, Milan Zver
S&D	Guillaume Balas, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Elena Gentile, Agnes Jongerius, Jan Keller, Miapetra Kumpula-Natri, Georgi Pirinski, Joachim Schuster, Siôn Simon, Monika Smolkova, Marita Ulvskog
Verts/ALE	Jean Lambert, Tamás Meszerics, Terry Reintke

<b>4</b>	<b>-</b>
GUE/NGL	Xabier Benito Ziluaga, Lynn Boylan, Rina Ronja Kari, João Pimenta Lopes

<b>2</b>	<b>0</b>
ENF	Mara Bizzotto
NI	Lampros Fountoulis

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.9.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 15 - : 1 0 : 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Dennis de Jong, Luke Ming Flanagan, Ingeborg Gräßle, Arndt Kohn, Monica Macovei, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Bart Staes, Hannu Takkula, Indrek Tarand, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský, Joachim Zeller
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gerben-Jan Gerbrandy, Barbara Kappel, Julia Pitera, Miroslav Poche
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jane Collins

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

15	+
ALDE	Gerben-Jan Gerbrandy, Hannu Takkula
ECR	Monica Macovei
PPE	Claudia Schmidt, Ingeborg Gräßle, Joachim Zeller, Julia Pitera, Petri Sarvamaa, Tomáš Zdechovský
S&D	Arndt Kohn, Derek Vaughan, Inés Ayala Sender, Miroslav Poche
Verts/ALE	Bart Staes, Indrek Tarand

1	-
EFDD	Jane Collins

3	0
ENF	Barbara Kappel
GUE/NGL	Dennis de Jong, Luke Ming Flanagan

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra  
0 : astensjoni